# IT-TLETT ISLALEB QODMA QUDDIEM IL-KAPPELLA TAL-MADONNA TAD-DAWL (BIDNI)

Fil-programm tas-sena l-oħra (1997) deher artiklu interessanti ferm fuq il-Kappella tal-Madonna tad-Dawl (Bidni). L-iskop tal-kitba tiegħi mhux li nerġa' nikteb fuq l-istorja ta' din il-kappella iżda li nidħol aktar fid-dettall fuq "....il-monument li nsibu qabel ma naslu għall-kappella"

Dan il-monument jinstab fuq għolja msejħa l-Bidni li qiegħda bejn it-triq il-qadima ta' Wied il-Għajn u t-triq il-ġdida. Dan l-monument jikkonsisti f'ħajt. Fih insibu tlett islaleb tal-ġebel. Fl-artiklu tiegħu, Zammit jgħid li l-aktar salib interessanti huwa dak nofsani għax hemmhekk insibu skolpiti l-oġġetti kollha li b'xi mod jew ieħor juru l-Passjoni ta' Ġesu' Kristu bħalma huma n-nerv, il-kuruna, l-imsiemer, l-kalċi, is-serduq, "it-tnalja, il-martell, il-frosta, is-sellum" eċċ.

Iżda waħda mill-mistoqsijiet fundamentali li wieħed bilfors ikollu jistaqsi hija din? *X'inhu l-użu ta' dawn is-simboli? Għaliex tpoġġew hemm dawk is-slaleb? X'sinifikat fihom?* Ħafna drabi l-popolin joħloq "storja tradizzjonali li jista' jkollha nisel storiku; storja li għandha kemm minn mit u kemm minn ġrajja li seħħet tassew.....storja magħmula minn fatt li ġara jew jingħad li ġara u minn nisġa immaġinattiva. Bosta drabi huwa meħud mir-reliġjon jew mill-ġrajja politika jew mill-ħajja popolari." Dan kollu jinkwadra l-leġġenda għax il-qofol tal-leġġenda jista' jkun ir-rabta tagħha ma' post, personaġġ, ġrajja, tradizzjoni, imlibbsin bil-fantasija popolari."

Fil-ktieb "*It-Tfajla tal-Palazz u Leġġendi Oħra*", Ġino Muscat-Azzopardi jagħti tliet verżjonijeit fuq dawn is-slaleb. Fl-ewwel verżjoni, jgħidilna li t-tlett islaleb ġew mibnijin għal tlett patrijiet li kienu sfaw maqtula waqt attakk mit-Torok. It-tieni verżjoni tgħidilna li raġel miet bil-pesta u inħabba li ħadd ma ried jieħu ħsieb id-difna tiegħu, "....ġew xi nies miż-Żejtun u difnuh huma. Għal dan l-aġir twajjeb tagħhom il-parroċċa taż-Żejtun rebħet id-dritt tal-Knisja "tad-Dawl."

Naħseb li t-tielet verżjoni tqanqal aktar kurżita' u fl-istess waqt hija aktar kumplessa. F'dawk l-inħawi, kien jgħix xwejjaħ eremit (wieħed li jgħix waħdu / għalih) u peress li n-nies ma kien jitlobhom xejn, dawn ta' l-aħħar malajr deffsuha ġo rashom li kien xi saħħar. Jingħad li dan l-eremit sabuh mejjet. Wara saret id-difna tiegħu iżda għall-iskantament ta' kulħadd, in-nies reġgħu raw dan l-eremit jitlob. Bosta żmien kien għadda, sakemm dan ix-xwejjaħ reġa' nstab mejjet għat-tieni darba u għalhekk reġgħu difnuh. Madankollu, ftit wara rawh jitlob fil-gorboġ tiegħu. Iżda "wara li difnuh it-tielet darba, qatt aktar ma semgħu bih jew rawh f'dawk in-naħiet...."

Interessanti hu l-post fejn ġie midfun ix-xwejjaħ. Jingħad li fejn ġie midfun ix-xiħ għal tliet darbiet, in-nies darba sabu ġebla li fuqha kien hemm minqux:

***"Kelli tliet erwieħ u t-tlieta offrejthom lill-Mulej li jista' kollox."***

Forsi b'hekk twaqqfu dawn it-tlett islaleb. Għandna nzommu dejjem quddeim għajnejna li aħna qiegħdin nitkellmu fuq l-għajdut tal-poplu għax kif jistqarr Ġino Muscat Azzopardi fil-ktieb tiegħu "......m'aħniex obbligati nemmnu (il-leġġendi) u li ġeneralment jitwieldu mill-fidi qawwija fir-reliġjon tagħna."

Fl-aħħar mill-aħħar l-istorja ta' dawn it-tlett islaleb mhi xejn ħlief li dawn tpoġġew hemmekk sabiex juru li fl-1615, Ħaż-Żabbar sar parroċċa għalih għax inqata' minn maż-Żejtun. Għalhekk dak il-monument ma kienx ħlief ".... is-sinjal li juri safejn jaslu taż-żewġ parroċċi."

Sfortunatament m'aħniex napprezzaw biżżejjed il-patrimonju kulturali li ħallewlna missirijietna. Irridu ndaħħlu sens fina ta' apprezzament lejn dak kollu li għandna. Naqbel perfettament ma' Zammit li "hi x'inhi l-istorja wara dan il-monument, huwa żgur li hawnhekk insibu monument uniku u fl-istess ħin interessanti."

Fil-villaġġ pittoresk ta' Wied il-Għajn insibu bosta postijiet ta' interess bħalma huma il-kappelli mferrxin 'l hinn u 'l hawn, il-forti San Tumas mibni mill-Granmastru Alof de Wignacourt (1601-1622) u tant u tant affarijie t oħra. Għalhekk mhux biss għandna nibżgħu għall-affarijiet li għandna iżda fuq kollox, għandna d-dritt u d-dmir li nsiru nafu aktar dwarhom.

Malcolm Schembri B.A. (GEN.), P.G.C.E.
16.01.98


DEA
Top Quality High Performance German Motor Oil

NEW ara
Water Treatment Systems For Home & Industrial Purpose

MARTIN AUTOPARTS
TRIQ IL-PRESIDENT A. BUTTIGIEG
ZEJTUN ZTN03, TEL/FAX 804598

Auto Parts, Tools, Accessories & Much More

Fuel Saving Systems & Catalysers

WÜRTH
Full Range of Wurth Products

super catalyzer